# PARIRI GĦAL WAQT L-*INTERVIEW*

Kun ċert li tkun ippreparat sew, tasal fil-ħin u li liebes addattat. Agħmel referenza għall-artiklu preċidenti fuq '**Kif tista' tipprepara għal *interview***'.

Xi mistoqsijiet komuni li jistaqsu waqt *interview*:

*"Għalfejn tixtieq taħdem magħna?"*

*"Għandek xi tip ta' esperjenza f'dan il-qasam?"*

*"Għalfejn għandna nimpjegaw lilek?"*

*"Semmi kwalità b'saħħita li taħseb li għandek u kwalità li tħoss li għandek bżonn taħdem aktar fuqha fil-karattru tiegħek."*

*"Fejn tara lilek innifsek minn hawn u ħames snin oħra?"*



## Prattika r-risposti għall-mistoqsijiet

Prattika r-risposti għall-mistoqsijiet li semmejna aktar kmieni:

- ✓ Staqsi lilek innifsek quddiem il-mera. Billi tisma' lilek innifsek tkun tista' tifhem aħjar il-messaġġ li qed twassal. Żomm f'moħħok li l-komunikazzjoni hija verbali kif ukoll viżwali. Oqgħod attent għal *body language* u l-espressjonijiet tal-wiċċ.

- ✓ Sib persuna li tavda u li tista' tigwidak, u prova prattika l-mistoqsijiet magħha. Ħu l-opinjoni tagħha fuq dawn l-aspetti; apparenza, kif poġġejt bil-qiegħda, kif kienet l-għafsa meta ħadtu b'idejn xulxin, jekk użajtx kuntatt tal-għajnejn u t-tonalita` tal-vuċi. Tista' wkoll tieħu vidjow tiegħek innifsek biex tara fejn tista' ttejjeb.

- ✓ Applika mal-Jopsplus biex isirlek bħal prova tal-*interview* billi tibgħat e-mail fuq advisory.jobsplus@gov.mt jew mur fuq dan is-sit: https://jobsplus.gov.mt/job-seekers-mt-MT-en-GB/personal-action-plan/mock-interviews jew ċempel fuq 22201238/1239/1240.

## Prepara mistoqsijiet li tista' ssaqsi

*Interview* ikun tajjeb meta jkollok konverżazzjoni ġejja miż-żewġ naħat.

- ✓ Apparti li tħalli lil min qed jintervistak jistaqsi fuqek u fuq il-ħiliet tiegħek, agħmel lista ta' mistoqsijiet li tixtieq tistaqsi inti.

  - Fost dawn il-mistoqsijiet wieħed jista' jistaqsi: "*X'ser ikunu r-responsabiltajiet tiegħi tal-ġurnata*?" u "*X'qed tistenna minni biex neċċellera f'din il-pożizzjoni*?".

## Kun int!

Huwa dejjem tajjeb li tkun int, uri li int persuna onesta u kunfidenti.

- ✓ Meta jkollok xi mistoqsija li tħoss li hija diffiċli biex twieġeb bħal "*X'inhi djufija fil-karattru tiegħek?*" dejjem kun onest, iżda għid li lest li taħdem biex titgħallem aktar u tegħleb dan in-nuqqas.

Fl-aħħar, huwa normali li tħossok nervuż. Importanti li żżomm lilek innifsek kalm billi titkellem bil-mod u b'mod kunfidenti u tħares f'għajnejn in-nies li jkollok quddiemek. Jekk tkun qed tħossok anzjuż, jaf tgħin jekk iżżomm xi *paperclip* jew pinna f'idejk, iżda important li ma tilgħabx wisq biha.

Ftakar, l-iktar ħaġa important għas-suċċess fl-*interview* hu li tkun ippreparat.

Segwi dawn il-pariri u l-artiklu preċedenti biex tipprepara ruħek għall-*interview*!

awguri